# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' DIĊEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur. 221/2023 RGM**

**Stephanie Cachia Camilleri sive Stephenie Camilleri kif rappreżentata mill-Avukat Dr Mattia Felice bħala mandatarju speċjali tagħha stante li hija residenti fil-Kanada**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti**

1. B'rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Marzu, 2023 l-attriċi ppremettiet u talbet kif isegwi:

    1. Illi l-esponent twieldet f'Tal-Pieta`, Malta, fid-9 ta' Settembru 1985 u giet registrata bl-isem **"Stefanie Cachia"**. Ic-certifikat tat-twelid relattiv igib in-numru progressiv **4590/1985** ("Dok A");

    2. Illi maz-zmien, l-esponenti addottat l-ortografija "Stephanie" sabiex tikteb isimha u permezz ta' procedura amministrattiva intraprenduta tramite l-awtoritajiet kompetenti fis-sena 2004, bidlet isimha sabiex jaqra

**"Stephanie Cachia Camilleri"** u dan billi aggungiet ukoll kunjom ommha xebba. Din hija l-versjoni tal-isem prezentament riflessi fid-dokumenti kollha ufficjali tal-esponenti f'Malta, inkluz il-karta tal-identita` ("Dok B") u l-passaport ("Dok C");

3. Illi fl-10 ta' Awwissu 2010 l-esponenti halliet Malta u marret tirresjiedi f'Vancouver, British Columbia, Il-Kanada, u ghadha tghix hemmhekk fuq bazi permanenti, tant li tqis li stabbiliet id-domicilju taghha hemmhekk;

4. Illi barra minn Malta, l-esponent irriskontrat problem bil-fatt li ftit persuni jistghu jippronunzjaw il-kunjom "Cachia" sewwa u kienet issib problemi sahansitra mal-banek u istituzzjonijiet ohra u allura, in prattika dan il-kunjom beda jigi tronkat bhala "C." fuq dokumenti ufficjali bhal *credit cards*, etc. Minhabba f'hekk, eventwalment, l-esponenti bdiet tuza biss il-kunjom "Camilleri";

5. Illi waqt il-perjodu ta' residenza taghha fil-Kanada, l-esponenti hadet ukoll il-prattika li tikteb isimha bl-ortografija "Stephenie" u illum hekk hija maghrufa fost il-familjari, hbieb u kollegi;

6. Illi fit-23 ta' Gunju 2021, l-esponenti ghamlet il-pass li rendiet ufficjali il-bidliet hawn elenkati fil-Kanada u permezz ta' procedura ta' "*Change of Name*" ossija *deed poll* (vide certifikat anness bhala "Dok D"), fejn hija stabbiliet l-isem taghha bhala **"Stephenie Camilleri";**

7. Illi kif appena espost, fil-Kanada, id-domicilju tal-esponent, hija maghrufa bl-isem **"Stephenie Camilleri"** fil-hajja personali u ta' kuljum taghha u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza u mill-provi prodotti, li jinkludu l-passaport Kanadiz tal-esponenti ("Dok E") kif ukoll il-licenzja tas-sewqan ("Dok F"). L-esponenti tireferi ukoll ghall-affidavit li ghamlet bil-lingwa Ingliza ("Dok G") li jispjega l-fatti relevanti f'aktar dettall;

8. Illi f'Ottubru 2021, meta l-esponenti ippruvat tikseb il-hrug ta' passaport Malti gdid biex jirrifletti l-isem taghha hekk kif mibdul fil-Kanada, hija giet infurmata mill-ufficjali tal-Konsolat Generali ta' Malta f'Toronto illi din il-bidla tista' tigi riflessa f'Malta biss tramite sentenza tal-Qorti u ghalhekk hija irrikorriet ghall-istanti proceduri;

9. Illi **“Stephenie Camilleri”** huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghruf skont kif trid il-ligi;

10. Illi intant, l-esponenti, in vista tal-fatt li hija cittadina Maltija, ghandha l-interess li d-dokumenti ufficjali taghha f’Malta jkun jirrispekkjaw dawk taghu fl-esteru biex b’hekk tigi eliminata kull possibilita` ta’ konfuzjoni fl-identita` taghha.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, titlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi “Stephenie Camilleri” huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejjha;

2. Tordna, jekk jigi meqjus li huwa l-kaz, ir-registrazzjoni ta’ kull dokument esteru li talvolta jista’ jintqies bhala necessarju ghall-fini tal-ewwel (1) talba;

3. Konsegwentement, Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi u/jew jemenda kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti, partikolarment ic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru konsekuttiv 4590/1985, biex b’hekk l-isem “Stefanie Cachia” u/jew “Stephanie Cachia Camilleri” ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b’dak “Stephenie Camilleri”.

2. Rat ir-risposta ġuramentat tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ippreżentata fit-30 ta’ Marzu, 2023 li taqra kif ġej:

1) Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m’huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3) Illi ir-rikors promotur u ċ-ċertifikat tat-twelid ppreżentat mir-rikorrenti ma jindikax l-annotazzjonijiet kollha li ġia saru fuq ic-ċertikat tat-twelid tal-attriċi;

4) Illi di fatti jirrizulta mill-annotazzjonijiet li saru tul iż-żmien illi isimha **<u>ġia inbidel għal "Stephenie"</u>** u dan permezz ta' annotazzjoni fl-3 ta' Diċembru 2021 ai termini tal-Artikolu 278A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, vera kopja tal-Att tat-Twelid numru 4590/1985 bl-annotazzjonijiet kollha qiegħed jiġi anness u mmarkat **<u>Dok DRP 1</u>**.

5) Illi in vista tal-premess, it- **talbiet attriċi in kwantu jirrigwardjaw <u>it-tibdil fl-isem</u> fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti huma ġia sorvolati**;

6) Illi sa fejn it-talbiet attriċi jolqtu kunjom ir-rikorrenti ossia t-talba għall-bidla minn "Cachia Camilleri" għal "Camilleri", l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba ikunu l-aħjar u sodisfaċjenti u s-***Certificate of Change of Name*** **jiġi debitament legalizzat** kif suppost;

7) Illi in kwantu għat-tieni talba, l-esponent ma jistax jireġistra *Certificate of Change of Name* stante li f'Malta ma jezisti ebda reġistru ta' dan it-tip u għalhekk ikun opportun li tali talba tiġi irtirata;

8) Illi in kwantu għat-tielet talba, l-esponent jisottometti illi fl-Att tat-Twelid b'nru. 4590/1985 kif ġia ġie spjegat qabel, l-isem huwa diġa ikkoreġut permezz ta' annotazzjoni għall-"Stephenie" filwaqt li kunjomha għadu dak tagħha xebba ossia Cachia stante illi qatt ma ġiet sottomessa formola li biha bidlet kunjomha għal "Cachia Camilleri". Illi it-**tibdil rikjest għal kunjom Camilleri** fuq l-Att tat-Twelid imsemmi jista jsir biss **b'annotazzjoni ġenerali** stante li fis-sena 1985 kunjom il-wild ma kienx jiġi intestat flimkien mal-isem tal-wild fil-kolonna relattiva;

9) Illi rigward it-tielet talba, għandu jingħad illi ai termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap. 16, sa fejn qegħda issir talba għal tibdil f'atti oħrajn barra l-Att tat-Twelid elenkat fit-talba, l-attriċi għandha tindika liema huma dawk l -Atti ta' stat ċivili li jridu jinbidlu u dan billi tindika **n-numru progressiv tal-att u s-sena relattiva tagħhom**;

10) Illi magħdud ma dan, l-esponent jagħmel referenza għal-**Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti b'numru 259/2009** (vera kopja anness u mmarkat **Dok. DRP 2**), fuq liema Att, r-rikorrenti hija indikata bħala 'Stephanie Cachia Camilleri' u għalhekk, għalkemm illum divorzjata, ikun opportun illi jiġi speċifikat mir-rikorrenti illi it-tibdil fl-isem, kemm l'darba din l-Onorabbli Qorti tilqa l-Ewwel u t-Tielet Talba, għandu jiġi rifless ukoll fuq dan l-Att b'numru progressiv 259/2009;

11) Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

3. Rat illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Mejju, 2023 saret il-pubblikazzjoni tal-avviż ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Rat illi fis-smiegħ tat-12 ta' Ottubru, 2023 l-avukat tal-attriċi irtira it-tieni talba tagħha filwaqt li kkjarifika fir-rigward tat-tielet talba attriċi illi l-emendi li l-attriċi qed titlob għandhom isiru permezz ta' annotazzjoni u mhux kanċellament jew sostitizzjoni fl-att tat-twelid oriġinali.

5. Rat illi fl-istess seduta l-avukat tal-attriċi ippreżenta "Change of Name Certificate" rilaxxjat mill-Provincja ta' British Columbia ġewwa l-Kanada fil-31 ta' Mejju, 2023 reġistrat fit-23 ta' Ġunju, 2021 akkumpanjat minn ċertifikat ta' awtentiċita datat 15 ta' Ġunju, 2023 maħruġ mir-Registrar, Official Documents fil-belt ta' Victoria, fil-provinċja ta' British Columbia fil-Kanada.

6. Rat l-atti kollha.

7. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

8. Din hija azzjoni ai termini tal-**Artikolu 253 tal-Kap. 16** li jipprovdi illi kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku ikun irrifjuta li jirċievi bil-kunsens tal-Qorti ta’ Reviżjoni tal-Atti Nutarili.

9. Kull persuna tista’ tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa. Pero’ tali reġistrazzjoni m’għandiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.[1]

10. It-talba ġudizzjarja msemmija għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f’kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta’ dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.[2]

11. Fil-kawża odjerna l-attriċi resqet bħala prova ‘*Certificate of Change of Name’*[3] rilaxxjat fil-31 ta’ Mejju, 2023 mir-Reġistratur Ġenerali tal-*Vital Statistics Agency*[4] tal-British Columbia fil-Kanada li permezz tiegħu isem l-attriċi, li għandha d-domiċilju tagħha fil-Kanada, inbidel minn ‘Stephenie Cachia Camilleri’ għal ‘Stephenie Camilleri’.

12. Dan iċ-ċertifikat jissodisfa dak kontemplat fl-Artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta fis-sens li ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-attriċi hija konsistentement imsejħa ‘Stephanie Camilleri’ u mhux ‘Stephanie Cachia Camilleri.”

13. Għalhekk it-talba tagħha timmerita li tiġi akkolta.

---

[1] Art 253 (2) Kap. 16
[2] Art 253 (3) Kap. 16
[3] Bidla fl-isem magħmula fil-Kanada bis-saħħa tal-liġi Kanadiza ‘Name Act’ (Kapitolu 328 tal-Liġijiet tal-British Columbia)
[4] Aġenzija pubblika li parti mid-doveri tagħha jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni ta’ atti ċivili.

**Decide**.

Għal dawn ir-raġunijiet taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi l-attriċi hija konsistentement imsejħa 'Stephenie Camilleri'.

2. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba peress li ġiet irtirata mill-attriċiċ.

3. **Tilqa'** t-tielet talba kif kjarifikata mill-avukat tal-attriċi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2023 billi tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat jagħmel annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attriċi numru progressiv 4590/1985 fis-sens illi isem l-attriċi qed jinbidel minn 'Stephenie Cachia Camilleri' għal 'Stephenie Camilleri'.

4. **Ai termini tal-Artikolu 256** tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jinnotifika lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'kopja vera ta' din is-sentenza sabiex jagħmel l-annotazzjoni hawn ordnata fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat.

   Peress li l-Qorti ma rriskontrat l-ebda nuqqas li jista' jiġi imputat lill-konvenut, **tordna** lill-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Diċembru, 2023

**Deputat Registratur**

**Annotazzjoni:**
**U b'digriet moghti fit-8 ta' Jannar 2024, wara in-numru '1985', qed jizdied il-kliem, 'kif ukoll fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv 259/2009'.**